KUNSILL LOKALI PAOLA

*Ref*: 16/8/194/20

**MINUTI**

Laqgħa tal-Kunsill Lokali Paola

TMIEN LEĠISLATURA

Laqgħa Numru 16

*L-Erbgħa 30 ta' Settembru 2020*

Il-Kunsill Lokali Paola ltaqa' fl-uffiċini amministrattivi tiegħu, fi Ġnien Pawlu Boffa, Triq il-Knisja, Paola nhar l-Erbgħa 30 ta' Settembru 2020. Il-laqgħa kienet skedata għal-5.30pm.

| | |
|---|---|
| **Preżenti:** | Dominic Grima - *Sindku* |
| | Darren Lynch - *Viċi Sindku* |
| | Ivan Bartolo – *Kunsillier* |
| | Rita Delezio - *Kunsilliera* |
| | Yvonne Arqueros – *Kunsilliera* |
| | Neville Camilleri – *Kunsillier* |
| **Assenti b'apoloġija** (Skont Ordni Permanenti 14A (3): | Steven Axisa - *Kunsillier* |
| **Assenti:** | |
| **Uffiċjal Preżenti:** | Kurt Scerri-*Segretarju Eżekuttiv* |

KUNSILL LOKALI PAOLA

# Minuti

Is-Sindku Dominic Grima ippreseda l-laqgħa. Qabel bdiet il-laqgħa il-membri għamlu minuta silenzju b'rispett għat-telfa tas-Sur J. Zahra eks Viċi Sindku tal-Kunsill Lokali Paola.

1. **Qari tal-ittri ta' apoloġija**

1.1. Is-Segretarju Eżekuttiv informa lil membri illi l-Kunsillier Axisa talab biex ikun skużat minħabba raġunijiet ta' saħħa. Il-membri qablu li jkun skużat.

2. **Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti**

2.1. Il-Minuti nr. 15 ġew approvati *nem com.*

2.2. Is-Segretarju Eżekuttiv informa lil membri wara diskussjoni li sargħet fil-laqgħa preċedenti, illi l-kors tat-TCTC ser ikun offrut bil-prezz ssuġġerit għall-ħamsin persuna.

3. **Korrispondenza**

3.1. Ittra mill-Għaqda Każini tal-Banda sabiex nagħtu dettalji dwar kif il-festi tar-raħal huma parti mill-kultura ta' pajjiżna u li l-festi Maltin għandom jitqiesu bħala parti mill-Wirt Intanġibbli fil-lista rappreżentattiva tal-Umanità tal-Unesco. Il-membri qablu li tintbagħat din l-ittra.

3.2. Korrispondenza mingħand id-Dipartiment tal-Anzjanità Attiva sabiex isir parkeġġ riservat għas-servizz ta' trasport Silver-T għall-anzjani. Il-membri iddiskutew din il-materja fl-isfond tal-problemi tal-parkeġġ fil-lokalita imma fid-dawl tal-importanza ta' dan is-servizz għall-anzjani, qablu li isir parkeġġ riservat wieħed fi Triq Ġużè D'Amato.

3.3. Korrispondenza mingħand il-Perit tal-proġett tal-Paola Hub b'rabta mal-għeluq tat-toroq fl-akwata tas-sit sabiex isir xogħol meħtieġ. Il-membri iddiskutew il-pjan tal-immaniġġjar tat-traffiku preżentat ma' din il-korrispondenza u ma sabu l-ebda oġġezzjoni għall-implimentazzjoni tiegħu.

3.4. Korrispondenza mingħand Transport Malta dwar proposta ta' żebra Cross fi Triq il-Ġdida. Il-membri iddiskutew din il-proposta fid-dettall u qablu li ma hemmx ħtieġa għaliha fid-dawl li hemm speed humps aktar qabel u t-triq hija dejqa u faċli biex wieħed jaqsam. Il-membri komplew li jekk dan ix-xogħol propost isir jinħoloq preċedent.

## 4. Proġett tal-Pjazza

4.1. Is-Segretarju Eżekuttiv qara lill-membri ittra li kienet twasslet lill-Kunsill mill-On. Silvio Parnis dwar il-proġett tal-pjazza fejn fost l-oħrajn l-On Parnis sostna illi l-Pjazza ingħatat f'idejn il-Kunsill f'Mejju 2019 u li min-naħa tiegħu lest li jservi ta' medjatur sabiex il-ħsarat li hemm fil-pjazza jissewwew. Is-Segretarju Eżekuttiv kompla li din l-ittra kienet ippubblikata fuq il-mezzi soċjali tal-istess On. Parnis. Is-Sindku qal li l-Kunsill min-naħa tiegħu tiġa għaddej u qed jagħmel pressjoni fuq il-Kunsill Konsultattiv għan-Nofsinhar ta' Malta fejn anke ġie ppreżentat rapport però żied illi meta l-Kunsill ħa f'idejh lura l-Pjazza kif imsemmi, kien iċċarat lill-On Parnis li mhux ser tittieħed responsabiltà tan-nuqqasijiet tal-proġett li jinkludu fost l-oħrajn triq li qed tisfronda, wires neqsin, bankijiet jissaddu etc.

4.2. Is-Sindku qal li l-Kunsill m'għadux bżonn medjatur għax m'huwa m'iġġieled ma' ħadd, irid biss li x-xogħol li għandu isir, isir. Il-Kunsillier Ivan Bartolo qal li x-xogħol ħażin jista' isir mill-Kunsill umbagħad il-Kunsill jitlob il-flus mill-kuntrattur bil-qorti u qal li l-Kunsill għandu jara kif l-On. Parnis jista' jgħin. Is-Sindku qallu li ma jistax wieħed jidħol u jirranġa proġett ta' ħaddieħor meta hemm garanzija tal-proġett li għada miftuħa u huwa qal l-Kunsill mhux il-klijent imma l-Kunsill Konsultattiv għan-nofsinhar ta' Malta. Il-Kunsillier Neville Camilleri qal li ma' jaqbilx li l-Kunsill joħroġ il-flus biex isewwi l-ħsarat però ma jaqbilx li tiġi rifjutata l-għajnuna tal-On Parnis. Is-Sindku qal li l-Kunsill m'għandux bżonn medjatur imma li ssir pressjoni fuq il-kuntrattur u l-Perit u l-klijent veru tal-proġett u għaldaqstant mhux qed jirrifjuta l-għajnuna.

4.3. Il-Kunsillier Ivan Bartolo qal ukoll li l-latrina ta' Triq il-Foss m'hux qiegħda f'post tajjeb. Is-Sindku qal li anke l-Uffiċju tal-Informazzjoni għat-turisti ma sarx u kompla li dwar il-latrina tal-Green Corridor li għada magħluqa, l-Kunsill qiegħed japplika għad-devoluzzjoni tal-art mill-Awtorità tal-artijiet sabiex jinġieb servizz separat tad-dawl u l-ilma.

4.4. Is-Segretarju Eżekuttiv informa lill-membri illi l-Kunsill Konsultattiv għan-Nofsinhar ta' Malta informa lill-Kunsill illi qed jinsistu mal-kuntrattur u mal-perit tal-proġett sabiex l-problemi li hemm jissolvew u lesti li jieħdu wkoll azzjoni bil-qorti.

4.5. Wara li iddiskutew il-materja il-membri qablu li għanda tintbagħat ir-risposta annessa lill-On Parnis kif ukoll li din l-ittra tkun ppubblikata fil-mezzi soċjali tal-Kunsill, fid-dawl li l-ittra tiegħu kienet wkoll ippubblikata fuq il-mezzi soċjali tal-On. Parnis.

## 5. <u>Bring-in-sites</u>

5.1. Is-Sindku informa lill-membri illi wara diskussjonijiet mal-GreenPak il-bring in site ta' Fr Charles Platter ġiet mgħammra b'CCTV mill-istess skema li huma wkoll immoniterjati mill-LESA. Apparti minn dan is-sit is-Sindku informa lill-membri illi jekk huma jaqblu l-iskema lesta li żżid aktar bring-in-sites f'siti differenti u li jkunu wkoll sorveljati bis-CCTV li jkunu fil-kontroll tal-LESA. Il-membri apprezzaw dan il-ftehim u wara diskussjoni qablu li isiru siti ġodda fi Triq Ninu Cremona, fis-suq ta' Triq l-Arkata u fl-akwata ta' Carters. Is-Sindku informa lill-membri illi fi Triq Ninu Cremona qed tiġi installata CCTV ġdida u infurmati mil-Lesa li minn ta' Triq Charles Platter kienu inħarġu tnax-il taħrika.

5.2. Fuq it-tindif il-Kunsillier Ivan Bartolo qal li tkun idea tajba jekk darba f'xahar jitneħħew il-vetturi minn ċertu toroq biex it-triq tinkines sew. Il-membri qablu mal-ħsieb però huwa diffiċli li jitneħħa l-parkeġġ b'dan il-mod. Il-Kunsillier Camilleri qal li ser jiċċekkja jekk b'ċertu apparat ikunx jista' jinġabar il-materjal li jkun mal-bankini. Is-Sindku informa lill-membri illi fid-dawl tad-domanda għas-servizz tal-bulky kienet żdiedet ġabra oħra nhar ta' Ħamis.

## 6. <u>Playgrounds</u>

6.1. Is-Segretarju Eżekuttiv informa lill-membri bil-konklużjonijiet tar-rapporti li saru fuq il-bandli u l-ġonna liema rapporti ġew ukoll diskussi mill-membri. Il-membri qablu li isiru ix-xogħolijiet urġenti u ta' periklu li jistgħu isiru fi Ġnien P. Boffa, Bandli ta' St. Antnin u Bandli ta' Triq Ninu Cremona kif ukoll li fid-dawl tal-perikli imsemmija fi Ġnien San Alwiġi il-membri qablu li l-aċċess għal dan il-ġnien jingħalaq.

6.2. Dwar il-ġonna is-Sindku qal li ix-xogħol fi Ġnien il-Mediterran kompla għaddej min Infrastruttura Malta wara li l-pont li sar ser jagħti għall-istess ġnien. Is-Sindku qal li sar xogħol ta' passaġġi, ħitan u *soft areas* mill-istess entita. Huwa kompla li tkellem mal-Perit tal-Kunsill sabiex isiru pjanti ġodda għall-kumplament tar-riġenerazzjoni ta' Ġnien il-Mediterran wara li kienu saru xi passaġġi parti mill-proġett tal-Pjazza. Is-Sindku kompla li issa b'dawn il-pjanti ser jitkellem mal-awtoritajiet sabiex jinvestu f'dan il-ġnien li fost l-oħrajn jista' jservi wkoll ta' spazju għall-istudenti tal-MCAST.

## 7. <u>Komunikazzjoni mis-Sindku</u>

7.1. Is-Sindku informa lill-membri illi sfortunatament l-Enemalta qed iddum żmien twil sabiex tagħti *supply* tad-dawl għall-bozoz ġodda li jkunu twaħħlu mill-Kunsill Lokali Paola. Is-Sindku qal li jekk is-servizz ser jibqa' kif inhu u jgħaddu xhur twal biex jingħata servizz ġdid ikollha toħroġ stqarrija sabiex ir-residenti ikunu infurmati.

7.2. Is-Sindku informa lill-membri li huwa kien attenda għal-laqgħa mad-Deputat Kummissarju, Supretendent u Spettur tad-distrett minħabba l-bosta abbużi li qed isiru fil-lokalita li żdiedu b'mod allarmanti. Is-Sindku qal li wasal fi ftehim għal-aktar sorveljanza mill-Pulizija fit-toroq.

## 8. <u>Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri</u>

8.1. Il-Viċi Sindku staqsa dwar l-isem tat-triq li trid tingħata lit-triq viċin tal-Kappella ta' San Ġakbu. Is-Sindku infurmah li sa laqgħa oħra ikollu l-ismijiet biex jiġu diskussi.

8.2. Il-Kunsillier Bartolo staqsa dwar l-armar tal-Milied. Is-Sindku qal li għandu laqgħa mal-għaqdiet dwar dan sabiex jiġi diskuss x'jista' isir fl-isfond tal-pandemija. Il-kunsillier Bartolo issuġġerixxa wkoll li wasal iż-żmien li tinbidel ukoll is-siġra tal-Milied. Is-Sindku kompla li għalissa kull attività ġiet kanċellata u qed jara l-possibilità li jekk ikun possibbli isiru klassijiet ta' żumba/fitness fis-sala.

*Il-Kunsillier Camilleri telaq mil-laqgħa.*

8.3. Il-Kunsilliera Delezio staqsiet dwar żviluppi fuq it-tqassim tal-vaċċin tal-influwenza staġjonali. Is-Segretarju Eżekuttiv informa lill-membri li din is-sena il-vaċċin ser jingħata mil-klinika tal-lokalita u mhux fil-Kunsill. Għalissa il-Kunsill qed jiġbor lista ta' persuni li ma jistgħux joħorġu mid-dar hekk kif l-Awtoritajiet tas-saħħa ser jibagħtu infermiera fid-djar tagħhom biex jingħata l-vaċċin.

8.4. Il-Kunsilliera Arqueros staqsiet jekk il-membri jaqblux mal-ħsieb li ssir by-law dwar tlajjar fit-toroq fejn jinġabru gruppi ta' nies u joqgħodu jixorbu fuq turġien ta' djar/ħwienet. Il-membri qablu mal-ħsieb u l-Kunsilliera Arqueros qalgħet li ser tibda tiddiskuti din il-ħidma mas-Segretarju Eżekuttiv.

*Il-Kunsillier Bartolo telaq mil-laqgħa.*

**9. Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti**

9.1. Il-membri tal-Kunsill Lokali approvaw l-iskeda ta' Pagamenti Nru. 16 għas-somma ta' €36,417.67.

**10. Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss**

10.1. Il-Laqgħa ġiet magħluqa fis-7:35pm u ġiet aġġornata għat-Tlieta 27 ta' Ottubru 2020.

10.2. Konfermati, illum it-Tlieta 27 ta' Ottubru 2020.

| | |
|---|---|
| **IFFIRMATA** | **IFFIRMATA** |
| Kurt Scerri | Dominic Grima |
| Segretarju Eżekuttiv | Sindku |